# Beati u Qaddisin....Gunju

**8 ta' Gunju**
**Beato Nicola da Gesturi (Giovanni Medda) Kappuccin**



L-isem tieghu ta' lajk kien Govanni Medda u twieled fil-5 ta' Awwisu 1882 gewwa Gesturi (f'Cagliari) . Kien is-sitt mis-seba' ulied ta' Giovanni Medda u Priama Cogoni Zedda li ghalkemm kienu ta' kundizzjoni umli, kienu persuni onesti u religjuzi. Fis-sena 1886 ircieva il-Grizma ta' l-isqof kif kienet l-uzanza ta' dak iz-zmien. Meta kellu biss hames snin tilef lil missieru u ta' tlettax-il sena safa iltim minn ommu. Ha hsiebu r-ragel ta' ohtu Rita, li kien sinjur izda li kien izommu bhala seftur minghajr paga ghajr li jiekol u jorqod. Kien jiehu hsieb l-annimali u jahdem fl-ghelieqi. Ircieva l-ewwel tqarbina ta' erbatax-il sena fit-18 ta' Dicembru 1896 u minn dak in-nhar beda jghix hajja aktar migbura u qaddisa. Il-hajja li ghadda ta' tbatija u sagrificcju ghenitu biex tikber fih il-hajra sacerdotali, izda il-faqar kien ostaklu ghalih. Ghaddew tlett snin ohra sa ma irnexxielu jaqta' xewqtu. Bit-thabrik tal-kappillan ta' Gesturi seta' jidhol fil-kunvent tal-Kappuccini bhala terzjarju.

Wara sentejn, libes il-libsa tal-kappucini u tawh l-isem ta' Fra Nikola. Kien trasferit f'hafna kunventi u dejjem kien assenjat ix-xoghol ta' kok ghalkemm qatt ma lahaq l-aspettativa fl-ikel li xtaqu hutu l-patrijiet. Infatti fuq xewqa ta wiehed minn hutu l-patrijiet huwa kien imnehhi mix-xoghol ta' kok u kien moghti x-xoghol li jitlob il-karita'. Kien x'kien it-temp huwa kien imur jitlob il-karita f'isem San Frangisk. Dam jaqdi din l-attivita' ghal 34 sena. Flimkien mal-karita' ma kienux jonqsu l-insulti wkoll. Kien jiehu kollox bir-rassenjazzjoni u l-pacenzja. Dan kien ta' ezempju l-aktar tajjeb ghan-nies li mieghu kienu jiltaqghu ghax fih kienu jaraw bniedem qaddis. Ma kienx hemm bzonn li jiftah halqu biex jitlob ghax in-nies kienu jaghtuh spontanjament. In-nies kienu jitlobuh biex jidhol gewwa ghax kienu jemmnu li f'darhom dahlet il-barka t'Alla. Anke gie li sar xi fejqan ta' morda bil-presenza tieghu u il-fama ta' qdusija tieghu xterdet mal-pajjizi tal-vicin.

Matul it-tieni gwerra dinjija Fra Nikola ma halliex il-kunvent minkejja li l-popolazzjoni kienet harbet lejn bliet ohra. Wara kull bumbardament huwa kien imur jghin lil feruti u jipprovdi kif jista' l-ikel lil dawk li kienu jbatu l-guh. Il-kunvent issa infetah ghal dawk fil-bzonn. Fl-1 ta' Lulju 1958 talab lil Gwardjan biex jezonorah mix-xoghol ghax kien qed ihossu vicin il-mewt. Gimgha wara, fit-8 ta' Lulju 1958 huwa miet wara li operawh gewwa l-isptar. Huwa gie ibbeatifikat minn Giovanni Pawlu II fit- 3 ta' Ottubru 1999.